MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1435/2002

*Denise Buttiegieg*
*vs*
*Rettur ta' l-Universita' ta' Malta u Universita' ta' Malta*

**Il-Qorti**,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici, wara li ppremettiet: illi sa recenti l-attrici kienet studenta fl-Universita' ta' Malta issegwi kors ta' studju fil-Fakolta' tal-Edukazzjoni, Bachelor of Education [Hons] Home Economics ghal liema kors ta' studju hija dahlet taght ir-regolamenti li jaqghu taht l-Att dwar l-Edukazjoni, Kap.370 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn fost affarijiet ohra, hemm indikat li kull student/a li jsegwu dan il-kors irid jkollu bhala study units compulsory suggetti li huma "English Language Proficiency u Basic Computer Proficiency minn liema suggetti l-attrici, fil-kors ta' studju ghandha u ghaddiet minnhom; illi waqt it-tielet [3] sena tal-kors m' ghaddietx

mis-suggett li jismu ‘Principles of Nutrition’ liema suggett skond l-istess academic programme tal-Universita’ ta’ Malta, ma huwiex complusory subject fejn sahansitra fuq l-istess academic programme hemm nota li taqra li s-suggetti u ohrajn li “……units making up the academic programme for studencs opting for Home Economics with another subject” u dan ukoll barra li dan is-suggett mhux indikat fl-att dwar l-Edukazzjoni bhala wiehed compulsory, liema unit ghandu credit value ta’ tnejn [2]; illi l-attrici qatt ma nghatat katalogu ta’ studju, f’ liema katalogu ghandu jkun hemm indikat id-deskrizzjoni, titolu [title], kodici u kull tip ta’ studju, unit u liema huma dawk is-suggetti compulsory o meno, u l-metodu tat-taghlim u assessment. Illi dan il-katalogu suppost li kellu jkun ippubblikat qabel ma jibda l-kors ta’ studju u approvat mis-Senat tal-Universita’. Illi dan ir-rekwizit li ma giex imhares mill-konvenuti huwa wkoll indikat fl-Att dwar l-Edukazzjoni [Kap.327]; illi ghalkemm l-attrici ma ghaddietx minn dan is-suggett biss, hija giet infurmata ufficjalment mill-konvenuti fl-ittra tal-1 ta’ Novembru 2002, li l-Universita’ ta’ Malta kien qabel mad-decizjoni tal-Fakolta’ ta’ l-Edukazzjoni, fejn l-attrici kienet giet ordnata ma tkomplix l-istudji taghha fi hdan l-istess Universita’ anke tinzamm milli ssegwi l-ahhar sena finali tal-kors imsemmi u li t-tkeccija taghha kienet decizjoni finali; illi l-attrici ipprotestat bil-qawwa ghal din id-decizjoni ngusta u intavolat protest gudizzjarju f’ dan is-sens izda l-konvenut baqa inadempjenti; illi minhabba f’ din id-decizjoni zbaljata tal-konvenut, l-attrici sofriet danni kemm minhabba li tilfet l-opportunita’ li tikkonkludi l-istudji taghha u kif ukoll danni materjali ohra; talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex: 1. Thassar u tannulla d-decizjoni tal-konvenut, permezz ta’ liema l-attrici giet imwaqqfa milli tkompli l-kors ta’ studju fi hdan il—Fakolta’ ta’ l-Edukazzjoni, fir-raba sena finali tieghu; 2 tordna lill-konvenut sabiex jaghti opportunita’ lill-attrici tkompli bl-istudji taghha hawn imsemmija; 3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici minhabba d-decizjni zbaljata tal-konvenut; 4 tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici d-danni hekk likwidati. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju, bl-imghax legali u b’ hekk il-konvenut jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni

Rat n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha qed jeccepixxu: 1.Illi fl-ewwel lok ir-Rettur tal-Universita’ ta’ Malta bhala tali ma ghandux *locus standi* hlief in rapprezentanza ta’ l-Universita’ u in kwantu imharrek sepraratament u mhux in rapprezentanza ta’ l-istess Universita’ ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; 2. Illi fit-tieni lok, din il-Qorti tiddifetta minn gurisdizzjoni biex tissindika dak li qieghed jigi allegat f’ din ic-citazzjoni; 3.Illi fit-tielet lok, mhux car a bazi ta’ xhiex u fuq liema kawzali qeghda tigi maghmula t-talba tal-attrici; 4.Illi fir-raba lok, l-attrici qeghda titwaqqaf milli tkompli l-kors wara li wehlet mill-ezamijiet u ghalhekk ma kien hemm xejn zbaljat fid-decizjoni mehuda mill-Universita’; 5.Illi fil-hames lok, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi - Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi l-affidavits prezentanti;

Semghet il-provi bil-gurament u t-trattazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fis-sena 1999 l-attrici kienet dahlet ghal kors tal-B.Eduction [Hons] Home Economics, u kienet ghaddiet fl-istudy units kollha hlief ghas-suggett indikat bhala *Principles of Nutrition.* Fil-fatt hija kienet wehlet f’ dan is-suggett kemm fl-ewwel ezami kif ukoll fir-resit tieghu. Konsegwentement fit-tielet sena tal-kors hija, fuq applikazzjoni taghha, kienet giet awtorizzata taghmel recycle ta’ dan is-suggett, li kien jinvolvi li terga’ tattendi ghall-lectures kollha u taghmel ezami fl-ahhar tas-sena akkademika. Ghalhekk wara li ghamlet dan ir-recycle tas-

suggett hija reggha ghamlet l-ezami f' Gunju tas-sena 2000, izda xorta regghet ma ghaddietx.

Illi f' dan l-istadju peress li l-ghalliema taghha, Jill Camilleri, Karen Mugliett u Suzanne Piscopo kienu mhassba hafna fuq il-posizzjoni ta' din l-istudentessa li ma setghetx tghaddi mill-ezami f' dan is-suggett li huma jqisu bhala core unit u ghalhekk fil-fehma taghhom kien suggett obbligatorju, dawn l-ghalliema, fuq inizjattiva taghhom, ghal habta ta' Lulju 2002 kienu sejhu laqgha mal-attrici fejn enfasizzawlaha l-importanza li taghmel kull sforz sabiex tghaddi mir-recycled resit. Fi kliem Karen Mugliett *"Niftakar bic-car li konna ghednilha li dan huwa suggett compulsory u konna insistejna maghha li jekk ma tghaddix kienet sejra titlef il-post taghha fil-kors minhabba r-regolamenti ….. Konna tajniha gwida generali ta' kif kellha tipprepara ruhha ghal dan l-ezami u konna nfrumaniha li ahna konna ppreparati jekk ikollha bzonn ta' ghajnuna ahna konna lesti li nghinuha".*[1]

Illi meta sar ir-recycled resit ppartecipaw diversi studenti, u dan sar taht is-solita' procedura tal-index number u allura l-identita' taghhom kienet injota ghall-ezaminuturi. Il-karti gew kkorreggjuti minn Jill Camilleri u mill-imsemmija Karen Muliett. F' dan ir-resit wehhlu diversi studenti, fosthom l-attrici. Mill-provi rrizulta li l-attrici kienet wehlet mir-rizultati li taw dawn iz-zewg ezaminaturi separatament. Sussegwentement, fuq talba tal-attrici, kienet saret revision of paper. Din id-darba z-zewg scripts kienu ezaminati minn ezaminatur iehor differenti u cioe' Suzanne Piscopo li minn naha taghha ccertifikat li m'ghandu isir ebda tibdil fil-gradi tahtja; u ghalhekk l-attrici uffijcalment wehlet minn dan l-ezami wkoll. Fl-affidavit taghha Suzanne Piscopo qalet li *"mill-iscripts kien jidher li dik l-istudenta kienet dghajfa hafna fis-suggett".*[2]

Illi wara li l-attrici kienet wehlet f' dan is-sugget fir-recycled resit ukoll u cioe' fl-erba' okkazzjonijiet li qaghdet ghal dan l-ezami, hija kienet giet infurmata ufficjalment mir-Rettur li hi ma setghetx tkompli l-kors. Fl-affidavit tieghu, r-Rettur

[1] Affidavit – Fol.74
[2] Affidavit – Fol.96

jispjega li fil-31 ta' Ottubru 2002 kien iltaqa' s-Senat u wara li giet diskussa l-posizzjoni ta' l-attrici, gie deciz li l-attrici ma setghetx tkompli l-kors *"wara li s-Senat ikkunsidra li ma jistax ikun li student jghaddi ghas-sena sussegwenti fil-kors meta huwa jkun falla f' suggett* ***obligatorju*** *anke mir-riparatorji ta' dak is-suggett".*[3]

Illi fl-*Academic Record* mahrug ufficjalment mill-Universita' ta' Malta fis-17 ta' Jannar 2003, wara li gew indikati dettaljatament il-grades li l-attrici kienet gabet fis-suggetti kollha, inkluz is-suggett Principles of Nutrition markat bl-ittra F, hemm iccertifikat hekk: *"Ms Buttigieg failed to satisfy the requirements of the course".*[4] Jigi osservat ukoll li kif jidher mill-istess dokument, u kif konfermat mill-Professur Mark Borg, fis-suggetti l-ohra l-average grade tal-attrici huwa bejn grade B u grade C.[5]

Kien f' dan l-istadju li l-kwistjoni bdiet tigi ezaminata mill-attirici mill-aspett purament legali, u cioe' jekk is-sugget *Principles of Nutrition* kienx skond ir-regolamenti obbligatorju sabiex tispicca l-kors in disamina b' success. Jidher li ma hemm ebda dubju mill-provi li l-attrici, nonostante l-ghajnuna li pprovaw jaghtuha l-ghalliema taghha, u nonostante li hija kienet qaghdet ghall-ezami erba' darbiet, ma rnexxilhiex tghaddi f' dan is-suggett.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-ezami tal-aspett legali tal-vertenza necessarjament jinvolvi ezami tar-regolamenti applikabbli ghal-kors li segwiet l-attirici, u cioe' il-*Bachelor of Education [Honours] – B.Ed.[Hons.] Degree Course Regulations 1999.* Illi ghal-finijiet ta' dan l-ezami huma relevanti is-segwenti regolamenti.

Ir-regolament 8[3] jaqra hekk: *"It is the responsibility of all students to obtain those study units indicated as compulsory. Moreover, the Board may direct certain students to obtain particular study units indicated by it."*[6]

[3] Affidavti Professur Roger Ellul Micallef – fol.122 – sottolinear tal-Qorti
[4] Fol.138
[5] Deposizzjoni 14 Novembru 2003 – Fol.208
[6] Fol.128 – sottolinear mizjud

Fir-regolament numru 9[2] hemm lista ta' study units li normalment jridu jigu studjati fil-kors ta' studji ghal Secondary Education Area, fosthom hemm English Language Proficiency u Basic Computer Proficiency. Fil-para.[3] tal-istess regolament hemm espressament indikat *"The study units in english Language Proficiency and in Basic Computer Proficiency are compulsory for all students."*[7]

Illli skond **ir-regolament numru [10]** li jaqa' taht l-intestatura Catalogue of Study Units, il-Bord tal-Fakolta' tal-Edukazzjoni *"**shall** draw up a catalogue of study units. The catalogue shall indicate the code, title, description and type of each study unit, the credits assigned to each study unit, which study units are compulsory, concurrent or pre-requisites for other study units, and the methods of teaching and assessmentg. The Board shall publish the catalogue for the Course prior to its commencement, following the approval of the Senate."*[8]

Illi ir-regolamenti 11[7] u [8] jipprovdu ghall-kazijiet fejn l-istudenti ma jithallewx jikomplu l-kors. Dawn huma: 1. meta *"the number of credits obtained by students at the end of any year of the Course indicates taht it will be impossible for them to complete the Course"* fiz-zmien indikat fir-regolament 7[1] li f' dan il-kaz huwa ta' erba snin; u 2. *"if in any two years of the Course [not necessarily consecutive] students obtain less than 20 credits per year".*

Fir-regolament 14 taht l-intestatura Award of Degree, hemm stipulat: *"To be awarded the Degree, students must obtain not less than 116 credits in the areas indicated in paragraphs [1] and [2] of regulation 9 and as set out in the Course catalogue published by the Board."*[9]

Illi f' dan l-istadju huwa opportun li jigi osservat li dawn ir-regolamenti li gew promulgati debitament mill-Kancillier

[7] Fol.130
[8] Fol.131 – sottolinear tal-Qorti
[9] Fol.134 – sottolinear tal-Qorti

tal-Universita' saru mis-Senat in virtu' tal-Artikoli 31 u 35 tal-Att dwar l-Edukazzjoni. Skond dawn d-disposizzjonijiet is-Senat ghandu, fost il-funzjonijiet tieghu, dak li jaghmel regolamenti fit-termini tal-istess Att[10]; u skond is-sub inciz 3 tal-Artikolu 31 *"Regulations shall be made by the Senate and shall provide for matters of an academic nature and shall bind the whole University."* Di piu' skond is-sub inciz 6 dawn ir-regolamenti wara li jkunu gew promulgati mill-Kancellier u pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern ***"shall have the force of law."*** Minn dan johrog car li r-regolamenti fuq citati ghandhom il-forza ta' ligi u jorbtu lill-Universita' bhal kwalunkwe ligi ohra.

Illi t-tesi tal-attrici hi fis-sens li, la darba ma jirrizulta indikat imkien li s-suggett *Principles of Nutrition* huwa obbligatorju, allura, la darba f' dan il-kaz ma jikkonfigurawx il-kazijiet kontemplati fir-regolamenti 11[7][8], u la darba hija diga ghandha 105 credits mill-116 li ghandha bzonn, allura d-decizjoni tal-konvenuti li ma jhalluhiex tkompli l-kors mghandhiex konfort legali u ghalhekk hija illegali u ghandha tigi dikjarata nulla minn din il-Qorti.

Illi l-konvenuti minnaha taghhom qed isostnu li fil-bidu tal-kors huma kienu gharrfu verbalment lill-istudenti, li kienu qed isegwu dan il-kors bhala *Single subject specialisation,* liema kienu s-suggetti li kellhom jghaddu fihom biex jiffinalizzaw il-kors b' success. Fil-fatt rrizulta inkontestat li fil-bidu f' Ottubru l-istudenti kienu nghataw prospett[11] li fih hemm indikat l-isem tal-kors u lista ta' study units b' indikazzjoni tal-code u deskrizzjoni taghhom kif ukoll il-credits rispettivi ghal dawn il-units. Izda f' dan il-prospett ma hemm imkien imnizzel liema mis-suggetti elenkati huma obbligatorji; u dan b' kuntrast mal-prosepett moghti lil *Double specialisation students*[12] li, stante li dawn qed jaghmlu zewg areas ta' studji, gew indikati units mill-programm tal-Home Economics li kienu obbligatorji, fosthom il-*Principles of Nutrition*. Fil-kaz tas-single specialisation ma kienx hemm din id-distinzjoni, stante li,

[10] Article 35
[11] Fol.23
[12] Fol.24 et seq

kif sostnew il-konvenuti, is-suggetti kienu kollha obbligatorji. Irrizulta wkoll li l-attirici inghatat biss il-prospett applikabbli ghal kors taghha cioe' dak tal-*single specialisation.*

Illi mill-provi rrizulta car u manifest li mkien ma hemm indikat bil-miktub li s-suggetti tal-Home Economics ghas-*single specialisation students* kienu obbligatorji, jew kollha jew parti minnhom – la fil-prospett moghti lill-attrici fil-bidu tal-kors, u lanqas fl-*Academic Programme* esebit minn Romina Sammut.[13]

Illi ghalhekk il-*vexata questio* f' dan il-kaz hija jekk l-istudy unit *Prinicples of Nutrition* jistax jitqies, fit-termini tar-regolamenti fuq citati, bhala suggett obbligatorju meta, la fil-prospett moghti lill-attrici, la fl-Academic Programme ma huwa indikat bhala tali; lanqas f' katalogu li, skond ir-regolament, kellu jigi ppubblikat 10 qabel il-bidu tal-kors.[14]

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul fuq din il-vertenza, u kkunsidrat *inter alia* l-argument ta' l-ghalliema tal-kors in kwistjoni u cioe' li l-istudy units indikati fil-prospett moghti lill-attrici kienu kollha obbligatorji u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li dan jigi indikat fil-prospett. Inoltre jirrizulta assodat mill-provi li matul il-kors l-ghalliema tal-attrici kienu attirawlha l-attenzjoni li s-suggett li kienet qeghda tehel fih ripetutament kien qed jitqies bhala wiehed obbligatorju. Barra minnhekk Suzanne Piscopo fl-affidavit taghha spejgat li f' Ottubru kienu jsiru laqghat mal-istudenti biex dawn jigu informati bil-mod kif jitmexxa l-kors, u il-units li ghandhom jottjenu sabiex ikunu jistghu jiggradwaw, u fis-sena ta' Denise Buttigieg kien tqassam l-imsemmi prospett u *"spjegajna li dawk il-units …. Taht il-kolonna Single Subjects iridu isiru mill-istudenti li kienu qeghdin jispecjalizzaw biss fil-Home Economics u li huma riedu jottjenu dawk il-units kollha".*[15]

---

[13] Dok.RS2 Fol.73 et seq.

[14] Jigi rilevat f' dan ir-rigward li n-nomenklatura tad-dokument [katalogu] hija immaterjali, purche' jissodisfa r-rekwiziti kollha indikati f' dan ir-regolament..

[15] Fol.96

Illi din il-Qorti wara ezami rett tal-provi hija tal-fehma li l-attrici ma tistax tinnega li hi kienet konsapevoli tal-importanza li kien qed jinghata lis-suggett *Principles of Nutrition*. Dan il-fatt gie emfasizzat lilha diversi drabi mill-ghalliema taghha, u l-fatt li hija qaghdet ghall-ezami ta' dan is-suggett erba darbiet huwa indikattiv ta' dan. Mill-banda l-ohra pero' mill-lat purament legali ma jistax jigi njorat il-fatt li, kuntrarjament ghal dak stipulat fir-regolament numru 10, ma rrizulta minn imkien *in iscriptum* li dak is-suggett huwa wiehed obbligatorju. Dan ir-regolament jirrikjedi f' termini espressi u cari li fil-katalogu jkun hemm indikat is-suggetti meqjusa bhala obbligatorji, u in mankanza ta' dan, ma jistax jinghad *in stricto jure* li xi study unit huwa obbligatorju fit-termini tar-regolament imsemmija maghmula mill-istess Universita'.

Ir-*ratio legis* f' dan ir-rigward huwa manifest u cioe' li dawk l-istudy units li huma obbligatorji u li ghalhekk fuqhom tiddependi l-hajja universitarja tal-istudenti fil-korsijiet rispettivi jkunu indikati f' mod car, u li l-obbligatorjieta' taghhom tkun tirrizulta inekwivokabilment bil-mitkub; b'hekk ikunu maghrufa lil min, u verifikabbli minn, kull min hu involut u interessat, bil-konsegwenza li tigi eliminata sitwazzjoni ta'incertezza li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-istudenti. Ir-regolament jirrikjedi espressament li s-suggett jigi indikat bhala obligatorju fil-katalogu ppubblikat, u ghalhekk mhux sufficjenti li fil-bidu, jew matul, is-sena l-ghalliema jinformaw lill-istudenti verbalment li dawk is-suggetti elenkati fil-handout huma obbligatorji *in toto* jew *in parte*. Din l-element ta' prova, ghalkemm ghandha relevanza ghall-finijiet tat-talba ghad-danni, ma tista' qatt tissostitwixxi l-obbligu legali car tal-Bord[16] li dan il-fattur jigi espressament indikat bil-miktub.

Illi f' dan l-istadju jigi osservat li anke jekk huwa minnu li s-Senat ghandu, fost il-funzjonijiet ohra, dik li jittratta kwistjonijiet ta' natura akkademika, huwa mhux ezonerat mill-josserva r-regolamenti, maghmula minnu stess, u li ghandhom il-forza ta' ligi.[17]

---

[16] Bord tal-Fakolta' tal-Edukazzjoni
[17] Att dwar l-Edukazzjoni Art.35 [a] u [h].

Illi ghalhekk, stante li f’ dan il-kaz, ma jirrizultax li jikkonfigura wiehed mill-kazijiet kontemplati fir-regolamenti 11[7][8], u stante li jidher li d-decizjoni tas-Senat kienet bazata fuq in-nuqqas ta’ Denise Buttigieg li tissupera l-ezamijiet fis-suggett *Principles of Nutrition*, u stante li ma rrizultax li, ai termini tal-regolamenti fuq citati debitament maghmula mill-istess Senat, dan is-suggett huwa indikat bhala wiehed obbligatorju, id-decizjoni li l-attrici ma tithallhiex tkompli l-kors hija kuntrarja ghall-ligi, u ghalhekk annullabbli ai termini tal-Artikolu 469A[1][b][iv] tal-Kap.16.

***Danni***

Illi fl-istess azzjoni, u in virtu tas-sub inciz 5 tal-Artikolu 469A fuq citat, l-attrici qeghda tirriklama l-hlas tad-danni li hija sofriet minhabba din id-decizjoni amministrattiva da parti tal-konvenuti. Fi prospett[18] prezentat minnha, hija qeghda tallega li sofriet danni konsegwenzjali fl-ammont ta’ Lm11,200 rapprezentanti telf ta’ stipendju u telf ta’ opportunitajiet ta’ xoghol. Qed tirriklama danni konsistenti f’ *“Danni psikologici … ghal dak kollu li ghaddejt minnu”* u qed titlob li l-Qorti tillikwida dawn id-danni.

Illi fl-ewwel lok jigi osservat li fis-sistema legali taghna l-kuncett tad-danni huma limitat ghad-danni materjali, u mhux kontemplat fil-ligi l-ghoti ta’ danni in linea ta’ ‘danni psikologici’ u ghalhekk din il-parti tat-talba hija a priori insostenibbli legalment..

Illi premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ser tghaddi ghall-ezami tal-imsemmi sub inciz fid-dawl tal-fatti rizultanti f’ dan il-kaz. Dan l-Artikolu tal-ligi wara li jaghti dritt lill-attur f’ azzjoni bhal dik in disamina li jnkludi fit-talbiet tieghu talba ghall-hlas tad-danni emanenti mill-att amministrattiv annullat, jistipula li dawn *“id-danni ma ghandhomx jinghataw mill-qorti meta, minkejja l-annullament ta’ l-att amministrattiv l-awtorita’ pubblika ma tkun agixxiet in mala fede jew b’ mod mhux ragjonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragjonevolment giet michuda taht kull setgha ohra”.*

---

[18] 50

Illi fil-kaz odjern rigward l-ewwel ipotesi kontemplata mill-ligi, u cioe' dik bazata fuq *mala fede*, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta *ab abundantia* li dan l-element kien kompletament inesistenti matul il-kwistjoni kollha in disamina. Mhux talli ma rrizultax *mala fede* da parti tal-awtoritajiet universitarji, izda talli meta l-ghalliema tal-attrici, indunaw li dina kien qeghda tehel mill-ezami tal-*Principles of Nutrition* li huma jikkunsidraw bhala core unit, dawna kienu mhassba u inkwetati, tant li kienu baghtu ghaliha f' izjed minn okkazzjoni wahda sabiex jemfasizzawlha li kien indispensabbli li din tghaddi mill-ezami, u wkoll offrewlha li jghatuha l-ghajnuna kollha li kellha bzonn. Atteggjament li certament jeskludi l-element ta' *mala fede*. Ghaldaqstant din l-ipotesi kontemplata fil-ligi ma tikkonfigurax.

Illi z-zewg ipotesijiet huma bazati fuq il-kriterju tar-ragjonevolezza tal-azzjoni amministrattiva da parti tal-Universita' fil-konfront tal-attrici, fis-sens li ma hemmx lok ghad-danni jekk jigi provat li l-konvenuti ma *agixxew "b' mod mhux irragjonevoli"*. Fi kliem iehor jekk ma jigix provat li din id-decizjoni tal-konvenuti kienet irragjonevoli, allura t-talba ghal hlas tad-danni ma tistax treggi.

F' dan ir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet guridici bazati fuq insenjament anki tal-Qrati Inglizi. Illi fis-sentenza ***Neg.Ugo Pace vs Prof.Joseph Anastasi Pace noe***[19] din il-Qorti, diversament presjeduta, ghamlet referenza ghall-kawza ***Giorgio Demarco et noe vs James Turner ne et***[20] fejn gie ntravvedut ir-rekwizit tar-*"reasonable exercise"*. *"It-tests"* ta' *"unreasonableness"* fl-esercizzju ta' poteri simili gew enuncjati fil-kawza **Kruse vs Johnson 1898** b' dan il-mod: *"If they are manifestly unjust"; "if they disclosed bad faith"; if they could find no justification in the minds of reasonable men".*[21]

[19] Deciza - 1 ta' Mejju 1946
[20] Deciza 12 ta' Ottubru 1933
[21] Kaz riportat fil ***Keir & Lawson***, *Cases in Constitutional Law* – kwotat fis-sentenza *Ugo vs Anastasi Pace [supra].*

Illi dwar s-sindikabbilita' tal-poter esekuttiv diskrezzjonali mill-Qrati Inglizi, l-awtur ***HWR Wade,*** fil-ktieb tiegħu ***Administrative Law,*** jikkummenta hekk:
*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably****."[Lord Wrenbury]***[22]

Illi f' dan l-istadju tqum il-kwistjoni dwar il-grad ossia l-*"legal standard of reasonableness"* mehtieg biex jigi soddisfat dan ir-rekwizit, ghax kif jikkummenta l-istess awtur *"Virtually all administrative decisions are rational in the sense taht they are for intelligible reasons, but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness"*[23] Id-definizzjoni ta' dan il-parametru huwa essenzjali ghax *"Within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires.*[24]

F' dan ir-rigward il-Qrati Inglizi applikaw u esponew dan il-principju f' diversi forom. Hekk per ezempju fil-kaz ***Wednesbury Coporation*** Lord Greene semma bhala kriterju li l-azzjoni in disamina tkun *"so absurd taht no sensible man could ever dream taht it lay within the powers of the authority";* Lord Denning fit-***Tameside Case***[25] esprima dan il-kuncett f' dawn it-termini *"so wrong taht no reasonable person could sensibly take taht view"* u Lord Diplock fil-kaz ***Council of Civil Service Unions***[26] qal *"so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards taht no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it"*[27]

---

[22] Fil-***kaz Roberts v Hopwood*** – idem pg.397
[23] Idem – pg.398
[24] Idem – pg.407
[25] [1977]
[26] *Council of Civil Service Unions vs Minister for the Civil Service [1985]*
[27] Idem – pg.408

Illi fil-kaz odjern jirrizulta car li, ghalkemm fit-termini tar-regolamenti d-decizjoni tal-konvenuti kienet tesorbita mill-parametri legali, ma jistax jinghad li huma mxew b' mod irraggjonevoli mal-attrici. Id-decizjoni taghhom ittiehdet wara korrispondenza skambjata bejn l-ghalliema u s-Senat fejn l-ghalliema tal-attrici kienu wrew it-thassib taghhom ghall-fatt li dina ma kienx irnexxielha tilhaq il-livell mistenni f' suggett li huma jqisuh bhal *core subject*. Di fatti f' ittra[28] mibghuta lis-Senat fl-14 ta' Novembru 2001 u ffrimata minn sitt ghalliema taghha, fosthom Jill Camilleri, Karen Mugliett u Suzanne Piscopo, is-Senat gie informat dwar l-attrici li, ghar-ragunijiet esposti fl-istess ittra fosthom *"the low level of comprehension of basic concepts, as well as serious misconceptions in the key areas of nutrution and health……, "the undersigned feel extremely anxious about Denise Buttigieg's potential performance as a future teacher of Home Economics in Secondary schools".*

Id-decizjoni ittiehded wkoll wara li kienu nformaw lill-attrici li dan kien suggett li kien qed jigi kkunsidrat bhala obbligatorju u enfasizzawlha l-importanza li tissupera l-ezami f' dan is-suggett; u wkoll wara li lill-attrici kien gie akkordat lilha li taghmel recycle tieghu, u cioe' terga' tattendi ghall-lectures kollha fis-suggett u terga' toqghod ghall-ezamijiet. B' dan kollu l-attrici regghet wehlet mill-ezami ghar-raba darba.

Kien f' dan il-kuntest li l-konvenuti ddecidew li jiehdu d-decizjoni li hadu u ma jhallux lill-attrici tkompli l-kors; u f' dan il-kuntest d-decizjoni tal-konvenuti mill-lat purament amministrattiv ma ma tistax titqies li hi imsejjsa fuq bazi irraggjonevoli. Ghaldaqstant, f' dawn ic-cirkostanzi t-talba ghal hlas tad-danni hija manifestament insostenibbli.

***Gurisdizzjoni***

Illi fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed isostnu li *"din il-Qorti tiddifetta minn gurisdizzjoni biex tissindika dak*

[28] Fol.62

*li qed jigi allegat f' din ic-citazzjoni".* In propositu, il-Qorti tirrileva li dak li qed tikkontesta l-attrici bil-proceduri odjerni hija bazikament decizjoni amministrattiva mehuda mill-konvenuti li waslet ghat-tkeccija taghha mill-kors fuq indikat. Il-Qorti qeghda tigi mitluba sabiex thassar u tannulla din id-decizjoni u mill-mod kif hi arginata c-citazzjoni u t-talbiet attrici ghandu jirrizulta car li l-azzjoni hija bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 469A[1][b] tal-Kap.16.

Illi f' dan ir-rigward din il-Qorti tirribadixxi dak li osservat fil-kawza "***Dr.Emmanuel Borda vs Professur Roger Ellul Micallef noe et***"[29]: "Illi ghal dak li jirrigwarda s-setgha tal-Qorti li tistharreg l-operat jew decizjonijiet amministrattiv ghandhu jinghad li llum il-ligi tipprovdi b' mod specifiku ghac-cirkostanzi specjali ta' stharrig bhal dan…………..sa minn ghadd ta' snin ilu, il-Qrati taghna ddecidew li ghandhom gurisdizzjoni jezaminaw u jiddecidu jekk xi awtorita' kompetenti imxietx skond is-setghat tahtja lilha mill-ligi fit-twettieq ta' xi poter ezercitat minnha. Dan jinghad ukoll rigward l-ezercizzju tas-setghat tahtjin bil-ligi lill-Universita' *[**Fenech et vs Zarb noe et** – 10.10.1952 – Vol.XXXVI.I.236].* Tali gurisdizzjoni tezisti sakemm ma tkunx espressament eskluza, billi d-derogi ghall-gurisdizzjoni ghandhom jitfissru b' mod restrittiv u f' kaz ta' dubbju eskluzi. Bis-sahha tad-dhul fis-sehh ta' l-artikolu 469A gew imfissra ahjar il-parametri ta' tali stharrig u kif ukoll l-awtoritajiet li dwarhom il-Qrati Civili ghandhom is-setgha li jaghmlu stharrig dwar ghemilhom." *[Vide wkoll **Tabiba Anne Cremona vs Professur Edwin Borg Costanzi** – 27 ta' Settembru 1975; u App.Civ.**Holland vs Schembri** deciza 20 ta' Mejju 1991 u **Alamango vs Ciantar** deciza 29 ta' Mejju 1991].* Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija insostenibbli.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni il-Qorti tosserva li din skond l-Att dwar l-Edukazzjoni Kap.327 u precisament l-Artikolu 30[11] ir-rapprezentanza legali tal-Universita' hija *ex lege* vestita fil-figura tar-Rettur, u ghalhekk meta dan, bhal fil-kaz prezenti, jitharrek bhala Rettur ta' l-Universita' ta'

[29] Deciza fit-30 ta' Jannar 2003, minn din il-Qorti diversament presjeduta [JRM]

Malta huwa necessarjament jkun qed jitharrek bhala r-rapprezentant legali tal-Univerisita' u ghalhekk ghandu *locus standi* fil-kawza odjerna.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici u tiddikjara nulla u bla effett id-decizjoni tal-konvenuti permezz ta' liema l-attrici giet imwaqqfa milli tkompli l-kors fuq indikat, u tordna lill-istess konvenuti jaghtu lill-attrici l-opportunita' li din tkompli bl-istudji taghha fl-istess kors fuq indikat, tichad it-tielet u r-raba talbiet attrici.

Tenut kont tal-punt involut u tal-fattispecie tal-kaz, il-Qorti tordna li f' dan il-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------